# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' FRAR 2002

**Numru 25**

**Avviz numru 1603/00DM**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Charmaine Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghal hlas tas-somma komplessiva ta' tliet mija u sebgha u erbghin lira maltin (Lm347) minnha dovuti in kwantu ghas-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm275) bhala import ta' sitt (6) kambjalijiet debitament accettati u li d-data tal-maturita taghhom skadiet, annessi u mmarkati dokumenti wiehed (1) sa numru sitta (6), in kwantu ghas-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) prezz ta' merkenzija lilha mibjugha u konsenjata u in kwantu ghas-somma ta' tnax-il lira Maltin (Lm12) bhala imghaxijiet legali dovuti sallum fuq l-istess ammonti;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tallum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tliet mija sebgha u erbghin lira Maltin (Lm347) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Novembru tas-2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va